TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1706

KAZ NRU. 2284

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Angela Sammut

u

Dar il-Kaptan

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 12 ta' Gunju 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-19 ta' Mejju 2005.

It-Tribunal zamm hames seduti.

Angela Sammut, maghrufa ukoll bhala Julie, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Marvic DeBarro u Dar il-Kaptan, aktar il-quddiem tissejjah is-Socjeta, kienet rapprezentata mis-Sur Harry Fenech assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qalet li t-tkeccija kienet ngusta ghaliex tichad kategorikament li f'xi hin refghet idejha fuq klijent kif allegat is-Socjeta. Il-klijent koncernat gie minn warajha u x'hin daret sabitu ma' wiccha u qallha li se jtiha daqqa go zaqqha. Hi kienet se titfixkel lura u meta l-klijenti hareg idejh fid-direzzjoni lejha gholliet idejha biex tipprotegi ruhha. Semghet il-klijent ighid li tatu daqqa ta' ponn izda billi din ma kienetx l-ewwel darba li qal dan il-kliem, meta ma jkunx minnu, ma qalet xejn. Ziedet li waqt il-*meeting* l-amministratur beda jkellimha bl-inglis u tfixklet. Hi talbitu biex titkellem bil-Malti izda hu kien deciz li refghet idejha u l-anqas biss nghatat cans li tghid il-versjoni taghha.

Minn naha taghha s-Socjeta qalet li l-appellant tkecciet ghaliex abbuzat minn klijent billi tatu daqqa ta' harta. Dan l-abbuz jikkostitwixxi offiza serjissima li dwara tezisti *zero tolerance policy*. Din ma tistghax tkun mod iehor meta wiehed jikkonsidra n-natura tax-xoghol u l-vulnerabbilta tal-klijenti. L-agir ta' l-appellant mar kontra, b'mod serjissimu, l-procedura u l-*standards of behaviour* u dak stipulat fil-*Manual of Procedure* u dak specifikat fil-*Policy Document-Abuse*. L-appellant kienet taf sew dawn il-*Policies*. Meta giet konfrontata bir-rapport ghall-ewwel innegat li kien gara xi haga u wara tat numru ta versjonijiet differenti. Hi nstabet hatja minn Bord ta' Dixxiplina u meta appellat il-Bord ta' Appell, wara li sema' l-kaz, ikkonferma t-tkeccija.

Fix-xhieda taghha l-appellant ikkonfermat dak li qalet fl-istqarrija tal-kaz u ziedet li l-klijent nvolut fl-incident kien attakkaha darbtejn ohra qabel u li klijent differenti kien ta daqqa qawwija tant li kienet tilfet sensija u ttiehdet l-isptar. Dak involut f'dal-kaz kien ihobb jinki u diversi drabi qal li mpjegati ohra tawh daqqa meta ma kienx veru. Hi kienet tohorgu u haditu l-Belt, haditu l-quddies u postijiet ohra. Qatt ma kellha ntenzjoni li ssawwat l-klijent.

It-Tribunal ezamina l-allegazzjoni ta' l-appellant li waqt il-*meeting* l-amministratur kellimha bl-inglis u tfixklet u li ma natatx opportunita li tati l-versjoni taghha. L-Amministratur xehed li meta saqsiha jekk kienetx qed tifhem il-proceduri u offra li jispjegahom bil-Malti qaltlu li fehmithom u ma kienx hemm htiega li jirrepetihom bil-Malti. Is-Senior Care Worker li kienet prezenti waqt il-*meeting*, u li hi ngliza, xehdet li l-amministratur rrepeta bil-Malti dak li ntqal bl-inglis biex l-appellant tifhem ahjar. Ziedet li qatt ma kellha ebda diffikulta li tikkomunika bl-inglis ma l-appellant. It-tnejn qalu li mhux biss inatat kull opportunita li tati l-versjoni taghha izda fil-fatt tat diversi versjonijiet differenti.

L-impjegata (Yasmine Mulvaney) li ghamlet ir-rapport xehdet dwar l-appellant "Julie daret u tatu daqqa fuq wiccu". Meta mistoqsija x'tip ta' daqqa rrispondiet "Daqqa ta' harta kienet". L-amministratur fix-xhieda tieghu dwar din ix-xhud qal li "Staqsejta fit-tul kienetx certa mill-fatti taghha, staqsejta terga' tirrepetihom, regghet irrepetithom, qaltli kollox kif gara l-incident .....". Fil-bidu, meta cemplilha, l-appellant qaltlu li ma taf b'ebda incident u ftit minuti wara cemplitlu biex issaqsih jekk se jkollha opportunita li tiddefendi ruhha fuq l-incident li gara. Qal li waqt il-*meeting* l-appellant "Tatni versjonijiet differenti : daqqa tghid li ma tatux daqqa, daqqa tghidli li ma kienetx daqqa ta' harta, daqqa tghid li kienet daqqa ta' ponn --- hemm hafna".

Waqt il-kontro ezami mill-Avukat ta' l-appellant l-amministratur xehed li s-*Senior Care Worker* qaltlu li " ..... ezatt wara l-incident Mulvaney marret ghandha u qaltilha li tixtieq parir ghaliex kienet zgura li rat lill-appellant tati daqqa ta'harta lil klijent".

*Supervisor* xehdet li l-appellant waqt il-laqgha mal-*Management* ikkontrdixxiet ruhha kemm il-darba. Fi kliema "There was a lot of conflict: first she said she had done nothing; then she said she may have done something; then she said that she tried to defend herself; and there was a lot of : you know ; first it was this then it was that".

L-amministratur xehed ukoll li waqt seduta tan-*National Employment Authority* dwar il-kaz, meta qal li l-appellant tat daqqa ta' harta lill-klijent hi nterrompitu u qaltlu "Le, tajtu daqqa, imma mhux daqqa ta' harta".

It-Tribunal jirrejalizza li t-tkeccija ta' l-appellant fuq incident wiehed, anke jekk serju, kien kastig sever hafna tenut ic-cirkostanzi tal-kaz u l-agir tal-klijent kif ukoll meta wiehed iqis is-servizz tajjeb li tat ghal numru ta snin f'xoghol delikat u difficli. B'dana kollu mix-xhieda li ngabet quddiemu dwar li kien hemm abbuz fiziku fuq klijent u li, minhabba n-natura tal-klijenti, is-Socjeta kienet t'applika *zero tolerance policy* fdan ir-rigward, it-Tribunal ma jistghax jatiha tort li agixxiet skond il-*Policy* taghha fl-akbar interess tal-klijenti li huma vulnerabbli u jirrikjedu kull protezzjoni. Hu sodisfatt li l-appellant inatat opportunita xierqa biex tiddefendi ruhha quddiem il-*Management* kif ukoll quddiem il-Bord ta' l-Appell fejn kienet assistita minn Avukat. It-Tribunal isib li s-Socjeta kellha gustifikazzjoni li tkun severa ma l-impjegata u dan skond il-*Policy* taghha li l-impjegati kollha kienu jafuha sewwa.

It-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta'facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/ Segretarja